**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs.**

**James Aquilina**

Numru: 1077/2009

Illum is-sebgha (7) ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **James Aquilina**, ta' hamsa u tletin (35) sena, bin Godfrey k/a Godwin u Antonia neé Zahra, imwieled Attard fl-24 ta' Awwissu 1974, residenti Numru 3, Triq il-Mohriet, Attard, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 476274(M)

akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu f'tas-Sliema:

1. dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' David Darmanin f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi tah diversi daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volontà tieghu;

2. fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess David Darmanin, hekk kif gie ccertifikat mit-tobba tal-iSptar Mater Dei;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari (strument li jaqta' u bil-ponta);

4. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm strument li jaqta' u bil-ponta, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat ihallas ghall-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li, f'kaz ta' kundanna, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz dak li gie mismugh u pprezentat quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 956/2009 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Giovanni Grixti[1].

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 19 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 496) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 214, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 17, 23, 31, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tad-9 ta' April 2014 (*a fol.* 501), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-19 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 496.), f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 510), il-Qorti diversament preseduta laqghet talba sabiex jigi mhejji *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat.

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 527 *et seq.*).</u>

Rat illi, fis-seduti tal-10 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 535) u tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 537), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

[1] *A fol.* 73 *et seq.*.

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 537), id-depozizzjoni tal-*Probation Officer* Maria Mifsud (*a fol.* 538 *et seq.*) u kif ukoll rat il-*Pre-Sentencing Report* redatt minnha li gie ezebit u mmmarkat bhala Dok. "MM 1" (*a fol.* 541 *et seq.*).

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 537).

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat ghall-darba ohra jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-istess.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant l-imputazzjonijiet in kwistjoni gew kollha sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- In-natura tar-reati addebitati lill-imputat.
- Il-fedina penali[2] tal-imputat (li minkejja li mhijiex wahda nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja).
- L-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.
- Il-fatt li l-parti leza David Darmanin u l-imputat ittransigew il-pendenzi ta' bejniethom dwar id-danni subiti.[3]

[2] *A fol.* 10 *et seq.* u *a fol.* 435 *et seq.*.
[3] *Vide* skrittura mmarkata bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 483 *et seq.*).

- Il-fatt li fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2013, il-parti leza David Darmanin (*a fol.* 469 *et seq.*) ikkonferma li m'ghandux aktar pendenzi civili fil-konfront tal-imputat u dana *stante* li huwa nghata kumpens li hu ddecieda li kien wiehed xieraq.

- Id-depozizzjoni moghtija mill-*Clinical Psychologist* Dr. Paul Daniel Micallef (*a fol.* 511 *et seq.*) u r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "PDM" (*a fol.* 522 *et seq.*). Fid-depozizzjoni tieghu Dr. Micallef jghid li ltaqa' mal-imputat fis-sena 2005 meta l-imputat irrefera lilu nnifsu ghal *anxiety management* u *anger management*. Jghid li tul l-*assessment* li kien qed jaghmel ta' l-imputat hargu hafna dettalji mill-passat li wasslu biex l-imputat ikollu certa mgieba u certu reazzjonijiet specjalment meta jkun hemm sitwazzjonijiet intimi u personali. Spjega li l-imputat ghadda minn abbuz emozzjonali u verbali, *bullying* u *neglect* enormi, b'mod specjali meta ta' seba' snin kien intbaghat go *boarding school* fl-Ingilterra u kellu jigi lura Malta. Jghid li meta sehh l-incident mertu tal-proceduri odjerni ma kienx hemm kuntatt bejnu u bejn l-imputat u meta sar kuntatt regghet bdiet *working relationship* bejniethom u wara certu zmien l-affarijiet bdew jikkalmaw. Ikkonferma li tul is-snin l-imputat kellu wkoll kuntatt ma' psikjatri. Jghid: *"l-aghar haga li jista' jigrilek inti li tidhol il-habs ghax li jista' jigri u mhux jista', li nemmen jien jigri huwa li l-habs ha jkompli jghabbieh b'certu shame u certu sense of guilt u li ovvjament in a way ir-rimors li inti thoss u l-guilt li inti thoss themselves are already a lot of punishment u konna niddiskutu kif..."* (*a fol.* 518).

- Id-depozizzjoni moghtija mill-*Probation Officer* Maria Mifsud (*a fol.* 538 *et seq.*) u l-*Pre-Sentencing Report* redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "MM 1" (*a fol.* 541 *et seq.*). Ir-rakkomandazzjoni fir-rapport tal-*Probation Officer* hija s-segwenti: *"F'dan il-kaz l-akkuzat ammetta ghall-akkuzi li qed jigu migjuba kontrih, ghaldaqstant fid-dawl tal-informazzjoni li ngabret u sabiex il-pjan ta' kura mfassal jkun jista' jintlahaq, qed jigi umilment issugeriet lil din l-Onorabbli Qorti li James Aquilina jinghata Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f'dan il-perjodu l-ikkoncernat jindirizza certu aspetti fil-hajja tieghu sabiex eventwalment ikun jista' jghix*

*hajja stabbli. Abbinat ma' din l-Ordni ta' Probation jinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunita' skond l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Annessa ma' dawn l-Ordinijiet ikun hemm Ordni ta' Trattament skond l-Artikoku 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'din it-tip ta' sentenza, ikun jista' jigi zgurat li l-ikkoncernat jinghata gwida adekwata, filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent qawwi kif ukoll riparazzjoni lejn is-socjeta' jigi wkoll milqugh"* (*a fol.* 547).

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija sopportata mill-*Pre-Sentencing Report* mhejji mill-*Probation Officer* hawn fuq imsemmija, li l-imputat Aquilina jigi kkundannat jaghmel xoghol komunitarju flimkien ma' ordni ta' *probation* fil-konfront tieghu, liema piena tkun aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija u dana sabiex l-imputat jinghata direzzjoni f'hajtu, li mill-atti processwali jirrizulta li ghandu bzonn. Ikun opportun ukoll li l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament *ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ghan tal-Qorti huwa dak li apparti li tara li l-imputat jigi kkundannat ghal dak li wettaq fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru 2009, tara wkoll li haga simili l-imputat jaghraf ma jergghax iwettaqha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 19 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 496) b'mod partikolari Artikoli 17, 41(1)(a), 49, 50, 214, 216, 217, 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat James Aquilina hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* u Servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-ufficcju tal-*probation*, u bil-kundizzjonjiet l-ohra ndikati fl-istess ordni hawn anness, inkluz dik ta' ordni ta' trattament kontenuta fl-ordni.

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat James Aquilina bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat James Aquilina.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament u dana kif jirrizulta minn wahda mill-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza **<u>u</u>** *ai termini* ta' Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' David Darmanin ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond Digriet iehor anness ma' din is-sentenza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu <u>533</u> tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' hamest'elef, tmien mija u tmienja u

hamsin Euro u tmienja u disghin centezmu (€5858.98) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz[4].

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska tal-arma uzata mill-imputat.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registatu**

[4] Perit Richard Aquilina (Dok. "RA" – *a fol.* 96 *tergo*): €185.48; Dr. Marisa Cassar (Dok. "MC" – *a fol.* 121): €2890.71; PS 516 Alfio Borg (Dok. "AB" – *a fol.* 133): €124.47; PS 171 Karl Glanville u PS 465 Daniel Abela (Dok. "KG" – *a fol.* 210): €73.30; PC 122 Arthur Borg (Dok. "AB" – *a fol.* 218): €23.29; Dr. Mario Scerri (Dok. "MS" – *a fol.* 239): €252.74; Dr. Marisa Cassar (Dok. "MC" – *a fol.* 339): €253.70; Dr. Steven Farrugia Sacco (Dok."SFS" – *envelope* – *a fol.* 5 *tergo* tar-rapport): €1077.36; PS 659 Jeffrey Hughes u PC 1525 Patrick Farrugia (Dok."PF" – *envelope* – *fol.* 6 tar-rapport): €97.83; Dr. Jonathan Joslin (Dok. "JJ" – *envelope* – *a fol.* 7 *tergo* tar-rapport): €289.00; PS 964 Robert Scicluna (Dok. "RS" – *envelope* – *a fol.* 4 tar-rapport): €143.10; Alexia Curmi (Dok. "AC" – *envelope* – *a fol.* 4 tar-rapport): €448.00.